ISSN 1977-074X

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 294

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 54

12 ta' Novembru 2011

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

2011/731/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Internazzjonali dwar l-Injam Tropikali tal-2006** 1

2011/732/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2011 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde dwar ċerti aspetti tas-servizzi bl-ajru** 3

2011/733/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2011 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea u erba' ftehimiet relatati** 4

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1146/2011 tad-9 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-merluzz fiż-żona NAFO 3M minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja** 5

(Ikompli fil-paġna li jmiss)

Prezz: EUR 3

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1147/2011 tal-11 ta' Novembru 2011 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 185/2010 u li jimplimenta l-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili fir-rigward tal-użu ta' scanners tas-sigurtà fl-ajruporti tal-UE** ([1]) 7

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1148/2011 tal-11 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 12

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-8 ta' Novembru 2011

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Internazzjonali dwar l-Injam Tropikali tal-2006

(2011/731/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 192 u 207 tiegħu, moqrija flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Fis-27 ta' Jannar 2006 l-konferenza ta' negozjar stabbilita taħt il-patroċinju tal-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp (UNCTAD) approvat it-test tal-Ftehim Internazzjonali dwar l-Injam Tropikali tal-2006 (il-Ftehim tal-2006).

(2) Il-Ftehim tal-2006 ġie nnegozjat biex jissostitwixxi l-Ftehim Internazzjonali dwar l-Injam Tropikali tal-1994 ("il-Ftehim tal-1994") kif estiż, li ser jibqa' fis-seħħ sad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim tal-2006.

(3) Il-Ftehim tal-2006 infetaħ għall-iffirmar mit-3 ta' April 2006 u ser jibqa' hekk sa xahar wara d-dħul fis-seħħ finali tiegħu. Il-kunsens għar-rabta b'dak il-Ftehim għandu jiġi espress jew permezz tal-iffirmar definittiv jew permezz tar-ratifika, l-aċċettazzjoni, l-approvazzjoni jew l-adeżjoni.

(4) L-għanijiet tal-Ftehim tal-2006 huma konsistenti kemm mal-politika kummerċjali komuni kif ukoll mal-politika ambjentali.

(5) Il-Komunità Ewropea kienet parti għall-Ftehim tal-1994. Il-Ftehimtal-2006 ser ikompli jippromwovi l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli tal-Unjoni Ewropea.

(6) Il-Komunità ffirmat il-Ftehim tal-2006 fit-2 ta' Novembru 2007. L-Istati Membri kollha esprimew l-intenzjoni tagħhom li jirratifikawh.

(7) Peress li l-kontribuzzjonijiet obbligatorji mill-membri konsumaturi tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Injam Tropikali huma stmati prinċipalment f'termini tal-volum tal-injam tropikali li jimpurtaw, l-Unjoni ser tikkontribwixxi għall-Kont Amministrattiv tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Injam Tropikali, ladarba jidħol fis-seħħ il-Ftehim tal-2006, waqt li l-Istati Membri, kif ukoll l-Unjoni, ser ikunu jistgħu jagħmlu kontribuzzjonijiet finanzjarji volontarji għall-azzjonijiet ippjanati permezz tal-kontijiet għall-kontribuzzjonijiet volontarji tal-Organizzazzjoni.

(8) Il-Ftehim tal-2006 għandu jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim Internazzjonali dwar l-Injam Tropikali tal-2006 [1] ("il-Ftehim tal-2006") b'dan huwa approvat f'isem l-Unjoni.

[1] It-test tal-Ftehim ġie ppubblikat fil-ĠU L 262, 9.10.2007, p. 8, flimkien mad-deċiżjoni dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill b'dan huwa awtorizzat biex jinnomina l-persuna/i bis-setgħa jiddepożita(w) l-istrument ta' approvazzjoni f'isem l-Unjoni mas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, skont l-Artikolu 36(2) tal-Ftehim tal-2006.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Novembru 2011.

Għall-Kunsill

Il-President

J. VINCENT-ROSTOWSKI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-8 ta' Novembru 2011

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde dwar ċerti aspetti tas-servizzi bl-ajru

(2011/732/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-punt (a) tal-Artikolu 218(6) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 218(8) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Fid-Deċiżjoni tiegħu tal-5 ta' Ġunju 2003, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati ma' pajjiżi terzi dwar is-sostituzzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet fil- ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim fil-livell tal-Unjoni.

(2) F'isem l-Unjoni, il-Kummissjoni nnegozjat Ftehim dwar ċerti aspetti tas-servizzi bl-ajru mar-Repubblika tal-Kap Verde ("il-Ftehim") skont il-mekkaniżmi u d-direttivi fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2003.

(3) Il-Ftehim ġie ffirmat f'isem l-Unjoni fit-23 ta' Marzu 2011 suġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu f'data aktar 'il quddiem, skont id-Deċiżjonital-Kunsill 2011/228/UE [1],

(4) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde dwar ċerti aspetti tas-servizzi bl-ajru huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni. [2]

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa awtorizzat li jinnomina l-persuna bis-setgħa li tagħmel in-notifika prevista fl-Artikolu 8(1) tal-Ftehim.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Novembru 2011.

Għall-Kunsill

Il-President

J. VINCENT-ROSTOWSKI

[1] ĠU L 96, 9.4.2011, p. 1.

[2] Il-Ftehim ġie ppubblikat fil-ĠU L 96, 9.4.2011, p. 2 flimkien mad-Deċiżjoni dwar l-iffirmar.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-8 ta' Novembru 2011

dwar il-konklużjoni ta' Ftehim dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea u erba' ftehimiet relatati

(2011/733/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217, flimkien mal-Artikolu 218(6)(a)(i) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(8) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew [1],

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea u erba' ftehimiet relatati ġew iffirmati, f'isem il-Komunità Ewropea, fil-25 ta' Lulju 2007 skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/566/KE [2], soġġetti għall-konklużjoni tagħhom.

(2) Bħala konsegwenza tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru 2009, l-Unjoni Ewropea issostitwiet u ssuċċediet il-Komunità Ewropea.

(3) Dawk il-ftehimiet għandhom jiġu approvati,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-ftehimiet [3] li ġejjin huma b'dan approvati f'isem l-Unjoni Ewropea:

— Ftehim dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea,

— Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar Programm ta' Kooperazzjoni għat-Tkabbir Ekonomiku u l-Iżvilupp Sostenibbli fil-Bulgarija,

— Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u Renju tan-Norveġja dwar Programm ta' Kooperazzjoni għat-Tkabbir Ekonomiku u l-Iżvilupp Sostenibbli fir-Rumanija,

— Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Iżlanda wara l-adeżjoni tal-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija mal-Unjoni Ewropea, kif ukoll

— Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja wara l-adeżjoni tal-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija mal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jaħtar il-persuna (persuni) bis-setgħa li tiddepożita f'isem l-Unjoni l-att ta' approvazzjoni li jipprovdi għalih kull wieħed mill-ftehimiet, sabiex ikun espress il-kunsens tal-Unjoni li tintrabat [4]

Artikolu 3

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħmel in-notifika li ġejja:

"Bħala konsegwenza tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru 2009, l-Unjoni Ewropea ssostitwiet u ssuċċediet il-Komunità Ewropea u minn dik id-data teżerċità d-drittijiet kollha u tassumi l-obbligi kollha tal-Komunità Ewropea. Għalhekk, referenzi 'għall-Komunità Ewropea' fittest tal-Ftehimiet għandhom, fejn adatt, jinqraw bħala 'l-Unjoni Ewropea'.".

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Novembru 2011.

Għall-Kunsill

Il-President

J. VINCENT-ROSTOWSKI

---

[1] Il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Ftehim fit-13 ta' Novembru 2007 (ĠU 282E, 6.11.2008, p. 92) u kkonferma l-pożizzjoni tiegħu fir-Riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Mejju 2010 dwar il-konsegwenzi tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fuq il-proċeduri interistituzzjonali ta' teħid ta' deċiżjonijiet li għadejjin bħalissa (ĠU C 81E, 15.3.2011, p. 1).

[2] ĠU L 221, 25.8.2007, p. 1.

[3] Il-Fthemiet ġew ippublikati fil-ĠU L 221, 25.8.2007 flimkien mad-Deċiżjoni mal-iffirmar.

[4] Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-ftehimiet għandha tiġi ippublikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UnjoniEwropea* mis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill.

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1146/2011

tad-9 ta' Novembru 2011

li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-merluzz fiż-żona NAFO 3M minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja

Il-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 57/2011 tat-18 ta' Jannar 2011 li jiffissa għall-2011 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-UE u, għal bastimenti tal-UE, f'ċerti ilmijiet mhux tal-UE [2], jistabbilixxi kwoti għall-2011.

(2) Mill-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, jirriżulta li l-qabdiet li saru mill-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih eżawrew il-kwota allokata lilhom għall-2011.

(3) Jeħtieġ għalhekk li jiġu pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Eżawriment tal-kwota

Il-kwota tas-sajd għall-2011 allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Projbizzjonijiet

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari, għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, jiġi ttrażbordat, ittrasportat, jew jinħatt l-art, ħut minn dak l-istokk li jinqabad minn dawk il-bastimenti wara dik id-data.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada ta' meta jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Novembru 2011.

Għall-Kummissjoni,
f'isem il-President,

Lowri EVANS

Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd

---

[1] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.
[2] ĠU L 24, 27.1.2011, p. 1.

ANNESS

Nru	68/T&Q
Stat Membru	Spanja
Stokk	COD/N3M.
Speċi	Merluzz (*Gadus morhua*)
Żona	NAFO 3M
Data	8.10.2011

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1147/2011

tal-11 ta' Novembru 2011

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 185/2010 u li jimplimenta l-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili fir-rigward tal-użu ta' scanners tas-sigurtà fl-ajruporti tal-UE

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li jistabbilixxi regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 [1] u b'mod partikolari l-Artikoli 4(2) u 4(3) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 300/2008, il-Kummissjoni teħtieġ tadotta miżuri ġenerali mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali tal-istandards bażiċi komuni stabbiliti fl-Anness għal dak ir-Regolament billi tissupplimentahom.

(2) L-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 300/2008 jgħid ukoll li l-Kummissjoni għandha tadotta miżuri dettaljati għall-implimentazzjoni tal-istandards bażiċi komuni tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili stabbiliti fl-Anness ta' dak ir-Regolament, kif issupplimentati bil-miżuri ġenerali adotatti mill-Kummissjoni abbażi tal-Artikolu 4(2).

(3) B'mod partikolari, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 272/2009 [2] li jissupplimenta l-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili, jistipula miżuri ġenerali fir-rigward tal-metodi permessi ta' skrinjar għall-passiġġieri kif stipulat fit-Taqsima A tal-Anness tiegħu.

(4) Sabiex l-użu ta' scanners tas-sigurtà jkun awtorizzat bħala metodu għall-iskrinjar tal-passiġġieri, għandhom jiġu stipulati dispożizzjonijiet dwar dan l-użu, l-istandards minimi ta' prestazzjoni ta' individwazzjoni u l-kundizzjonijiet minimi operattivi.

(5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 185/2010 [3] għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(6) L-iscanners tas-sigurtà għandhom jitqiegħdu u jintużaw f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 1999/519/KE tat-12 ta' Lulju 1999 dwar il-limitazzjoni tal-esponiment tal-pubbliku ġenerali għall-kampijiet elettromanjetiċi (0 Hz sa 300 GHz) [4]; id-Direttiva 2004/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar ir-rekwiżiti minimi għas-saħħa u s-sigurtà fir-rigward tal-esponiment ta' ħaddiema għal riskji li jiġu minn aġenti fiżiċi (kampi elettro-manjetiċi) (it-18-il Direttiva individwali skont it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) [5]

(7) Billi jistabbilixxi kundizzjonijiet operazzjonali speċifiċi dwar l-użu ta' scanners tas-sigurtà u minħabba li jagħti liċ-ċittadini l-possibbiltà li jkunu soġġetti għal metodi ta' skrinjar alternattivi, dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, inkluż ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, għall-ħajja privata u tal-familja, id-dritt għall-protezzjoni tad-dejta personali, id-drittijiet tat-tfal, id-dritt għal-libertà tat-twemmin u l-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni. Dan ir-Regolament għandu jiġi applikat skont dawn id-drittijiet u l-prinċipji.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar is-Sigurtà tal-Avjazzjoni Ċivili.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT,

Artikolu 1

L-Anness għar-Regolament (UE) Nru 185/2010 għandu jiġi emendat skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

[1] ĠU L 97, 9.4.2008, p. 72.
[2] ĠU L 91, 3.4.2009, p. 7.
[3] ĠU L 55, 5.3.2010, p. 1.
[4] ĠU L 199, 30.7.1999, p. 59.
[5] ĠU L 159, 30.4.2004, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Novembru 2011.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNESS

L-Anness għar-Regolament (UE) Nru 185/2010 huwa emendat kif ġej:

(1) f'Kapitolu 4, il-punt 4.1.1.1 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"4.1.1.1. Qabel l-iskrinjar, il-passiġġieri għandhom jinżgħu il-kowtijiet u l-ġkieket u dawn għandhom jiġu skrinjati bħala bagalji tal-kabina. L-ispettur tas-sigurtà jista' jitlob lill-passiġġier biex jinża' iktar ħwejjeġ kif xieraq."

(2) f'Kapitolu 4, il-punt 4.1.1.2 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"4.1.1.2. Il-passiġġieri għandhom jiġu skrinjati permezz ta':

(a) tfittxija bl-idejn; jew

(b) individwaturi tal-metall li tgħaddi minnhom (WTMD); jew

(ċ) klieb għall-individwazzjoni tal-isplussivi flimkien mal-punt (a); jew

(d) scanners tas-sigurtà li ma jużawx radjazzjoni jonizzanti.

Meta l-ispettur tas-sigurtà ma jkunx jista' jiddetermina jekk il-passiġġier hux qed iġorr oġġetti pprojbiti jew le, il-passiġġier ma għandux jingħata aċċess għal żoni ta' sigurtà ristretta jew għandu jerġa' jiġi skrinjat sa ma l-ispettur tas-sigurtà ikun sodisfatt."

(3) fil-Kapitolu 4, għandu jiżdied il-punt li ġej:

"4.1.1.10. Meta għall-iskrinjar tal-passiġġieri jintuża scanner tas-sigurtà b'eżaminatur uman, kif iddefinit skont il-punt 12.11.1 tat-tieni paragrafu, għandhom ikunu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) scanners tas-sigurtà ma għandhomx jaħżnu, jżommu, jikkupjaw, jistampaw jew jirkupraw immaġnijiet. Madankollu, kwalunkwe immaġni ġġenerat matul l-iskrinjar jista' jinżamm għaż-żmien meħtieġ mill-eżaminatur uman biex janalizzah u għandu jħassru hekk kif il-passiġġier ikun rilaxxat. Kwalunkwe aċċess u użu mhux awtorizzat tal-immaġni huwa pprojbit u għandu jkun evitat;

(b) l-eżaminatur uman li janalizza l-immaġni għandu jkun f'post separat sabiex hu/hi ma jkunx/tkunx jista'/tista' tara lill-passiġġier skrinjat;

(ċ) kwalunkwe tagħmir tekniku li għandu l-kapaċità li jaħżen, jikkopja jew jiffotografa jew jirrekordja immaġni mod ieħor ma għandux ikun permess fil-post separat fejn ikun qed jiġi analizzat l-immaġni;

(d) l-immaġni ma għandhiex tkun marbuta ma' ebda dejta li tikkonċerna lill-persuna skrinjata u l-identità tiegħu/tagħha għandha tibqa' anonima;

(e) passiġġier jista' jitlob li l-immaġni tiegħu/tagħha tkun analizzata minn persuna tas-sess tal-għażla tiegħu/tagħha;

(f) l-immaġni għandha tkun imċajpra jew skurata biex tkun evitata l-identifikazzjoni tal-wiċċ tal-passiġġier.

Il-paragrafi (a) u (d) għandhom japplikaw ukoll għall-iscanners tas-sigurtà li għandhom individwazzjoni awtomatika ta' theddid.

Il-passiġġieri għandhom ikunu intitolati li ma jagħżlux l-iskrinjar tas-sigurtà. F'dan il-każ, il-passiġġier għandu jkun skrinjat b'metodu ta' skrinjar alternattiv, inkluża għall-inqas tfittxija bl-idejn f'konformità mad-Dokument Mehmuż 4 A tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (2010)774. Meta jiskatta l-allarm tal-iscanner tas-sigurtà, il-kawża tal-allarm għandha tiġi riżolta.

Qabel ma jkun skrinjat bi scanner tas-sigurtà, il-passiġġier għandu jkun infurmat dwar it-teknoloġija użata, il-kundizzjonijiet assoċjati mal-użu tiegħu u l-possibbiltà li jagħżel li ma jiġix skrinjat bi scanner tas-sigurtà [opt-out].";

(4) f'Kapitolu 11, il-punt 11.3 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"11.3. ĊERTIFIKAZZJONI JEW APPROVAZZJONI

11.3.1. Persuni li jwettqu kompiti kif elenkati fil-punti 11.2.3.1 sa 11.2.3.5 għandhom ikunu soġġetti għal:

(a) proċess ta' ċertifikazzjoni jew approvazzjoni inizjali; kif ukoll

(b) ċertifikazzjoni mill-ġdid tal-anqas kull tliet (3) snin għall-persuni li joperaw tagħmir tar-raġġi X jew tagħmir bl-EDS jew għal dawk li jispezzjonaw bl-iscanners tas-sigurtà; kif ukoll

(ċ) ċertifikazzjoni jew approvazzjoni mill-ġdid tal-anqas kull ħames (5) snin għall persuni l-oħra kollha.

11.3.2. Persuni li joperaw tagħmir tar-raġġi X jew tagħmir bl-EDS jew eżaminaturi umani tal-iscanners tas-sigurtà, għandhom, bħala parti mill-proċess taċ-ċertifikazzjoni jew tal-approvazzjoni, jgħaddu minn test standardizzat tal-interpretazzjoni tal-immaġnijiet.

11.3.3. Il-proċess taċ-ċertifikazzjoni jew l-approvazzjoni mill-ġdid għall-persuni li joperaw tagħmir tar-raġġi X jew tagħmir bl-EDS jew eżaminaturi umani tal-iscanners tas-sigurtà għandhom jinkludu kemm it-test standardizzat tal-interpretazzjoni tal-immaġnijiet kif ukoll evalwazzjoni tal-prestazzjoni operattiva.

11.3.4. Jekk wieħed jonqos milli jattendi u jtemm b'suċċess ċertifikazzjoni jew approvazzjoni mill-ġdid fi żmien raġonevoli, li normalment ma jaqbiżx tliet (3) xhur, dan iwassal sabiex id-drittijiet tas-sigurtà relatati jiġu rtirati.

11.3.5. Ir-reġistri taċ-ċertifikazzjoni jew tal-approvazzjoni għandhom jinżammu għall-persuni kollha ċertifikati jew approvati, rispettivament, tal-anqas matul id-dewmien tal-kuntratt tagħhom."

(5) fil-Kapitolu 11, għandu jiżdied il-punt li ġej:

"11.4.1.1. L-eżaminaturi umani tal-iscanners tas-sigurtà għandhom ikunu soġġetti għal taħriġ rikorrenti li jikkonsisti f'taħriġ u ttestjar dwar l-identifikazzjoni tal-immaġnijiet. Dan għandu jieħu l-forma ta' taħriġ fi klassi u/jew ibbażat fuq il-kompjuter għal mill-inqas sitt (6) sigħat f'kull perjodu ta' sitt (6) xhur,

Ir-riżultati tal-ittestjar għandhom jingħataw lill-persuna u għandhom jiġu rreġistrati u jistgħu jitqiesu bħala parti mill-proċess taċ-ċertifikazzjoni jew tal-approvazzjoni mill-ġdid.";

(6) Fil-Kapitolu 12, għandhom jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"12.11 SCANNERS TAS-SIGURTÀ

12.11.1 **Prinċipji Ġenerali**

Scanner tas-sigurtà huwa sistema għall-iskrinjar ta' persuni li huwa kapaċi jindividwa oġġetti tal-metall u mhux tal-metall, distinti mill-ġilda tal-bniedem li jintlibsu fuq il-ġisem jew fil-ħwejjeġ.

Scanner tas-sigurtà b'eżaminatur uman, jista' jikkonsisti f'sistema ta' individwazzjoni li toħloq immaġni tal-ġisem tal-persuna sabiex jiġi analizzat mill-eżaminatur uman u li tistabbilixxi li l-persuna skrinjata mhix qed iġġorr oġġetti tal-metall u mhux tal-metall, distinti mill-ġilda tal-bniedem. Meta l-eżaminatur uman jidentifika dan l-oġġett, il-post fejn ikun instab għandu jkun ikkomunikat lill-ispettur tas-sigurtà għal tfittxija ulterjuri. F'dan il-każ, l-eżaminatur uman għandu jkun meqjus bħala parti integrali tas-sistema ta' individwazzjoni.

Scanner tas-sigurtà b'individwazzjoni awtomatika ta' theddid huwa sistema li tikkonsisti f'sistema ta' individwazzjoni li awtomatikament tidentifika oġġetti tal-metall u mhux tal-metall, distinti mill-ġilda tal-bniedem li tkun qed iġġorr il-persuna li tkun qed tiġi skrinjata. Meta s-sistema tidentifika dan l-oġġett, il-post fejn ikun instab għandu jkun indikat fuq xbiha rappreżentattiva standard tal-figura tal-bniedem lill-ispettur tas-sigurtà.

Għall-iskrinjar tal-passiġġieri, scanner tas-sigurtà għandu jissodisfa l-istandards li ġejjin:

(a) scanners tas-sigurta għandhom jindividwaw u jindikaw permezz ta' allarm għall-inqas oġġetti tal-metall u mhux tal-metall speċifiċi inklużi splussivi kemm individwalment kif ukoll iggruppjati;

(b) l-individwazzjoni għandha tkun indipendenti mill-pożizzjoni u l-orjentazzjoni tal-oġġett;

(ċ) is-sistema għandu jkollha indikatur viżwali li jindika li t-tagħmir qiegħed jaħdem;

(d) l-iscanners tas-sigurtà għandhom ikunu mqiegħda f'pożizzjoni li tiżgura li l-prestazzjoni tagħhom ma tkunx affettwata minn sorsi ta' interferenza;

(e) l-iffunzjonar korrett tal-iscanners tas-sigurtà għandu jkun ittestjat kuljum;

(f) l-iscanner tas-sigurtà għandu jkun użat skont il-kunċett tal-operazzjonijiet ipprovduti mill-manifattur.

L-iscanners tas-sigurtà għandhom isiru disponibbli u użati għall-iskrinjar tal-passiġġieri f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 1999/519/KE tat-12 ta' Lulju 1999 dwar il-limitazzjoni tal-esponiment tal-pubbliku ġenerali għall-kampijiet elettromanjetiċi (0 Hz sa 300 GHz) (*) u mad-Direttiva 2004/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-ħtiġijiet minimi għas-saħħa u s-sigurtà fir-rigward tal-espożizzjoni ta' ħaddiema għal riskji li jiġu minn aġenti fiżiċi (kampi elettromanjetiċi) (it-18-il Direttiva individwali skont it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (**).

12.11.2 **Standards għall-iscanners tas-sigurtà**

Ir-rekwiżiti ta' prestazzjoni għall-iscanners tas-sigurtà huma stipulati fid-Dokument Mehmuż 12-K, dokument li għandu jkun ikklassifikat bħala 'CONFIDENTIEL UE' u jkun ittrattat skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2001/844/KE, KEFA, Euratom.

L-iscanners tas-sigurtà għandhom jissodisfaw l-istandard definit fid-Dokument Mehmuż 12-K mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

12.11.2.1. L-iscanners tas-sigurtà kollha għandhom jilħqu l-istandard 1.

L-istandard 1 għandu jiskadi fl-1 ta' Jannar 2022.

12.11.2.2. L-Istandard 2 għandu japplika għall-iscanners tas-sigurtà installati mill-1 ta' Jannar 2019.

(*) ĠU L 199, 30.7.1999, p. 59.
(**) ĠU L 159, 30.4.2004, p. 1."

(7) Fil-Kapitolu 12, jiżdied il-dokument Mehmuż 12-K:

"**DOKUMENT MEHMUŻ 12-K**

Id-dispożizzjonijiet dettaljati dwar ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni għall-iscanners tas-sigurtà jinsabu f'Deċiżjoni separata tal-Kummissjoni.".

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1148/2011

tal-11 ta' Novembru 2011

li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1],

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-12 ta' Novembru 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Novembru 2011.

Għall-Kummissjoni,
f'isem il-President,

José Manuel SILVA RODRÍGUEZ

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

---

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

ANNESS

il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

(EUR/100 kg)

Kodiċi NM	Kodiċi tal-pajjiż terz [1]	Valur fiss tal-importazzjoni
0702 00 00	AL	61,2
	AR	40,4
	MA	77,7
	TR	78,3
	ZZ	64,4
0707 00 05	AL	64,0
	EG	161,4
	TR	139,7
	ZZ	121,7
0709 90 70	AR	61,1
	MA	74,1
	TR	108,3
	ZZ	81,2
0805 20 10	MA	69,1
	ZA	103,8
	ZZ	86,5
0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90	HR	29,1
	IL	76,9
	MA	79,7
	TR	83,3
	UY	54,6
	ZZ	64,7
0805 50 10	TR	63,2
	ZA	52,3
	ZZ	57,8
0806 10 10	BR	241,7
	EC	65,7
	LB	271,1
	TR	145,0
	US	258,2
	ZA	77,5
	ZZ	176,5
0808 10 80	CL	90,0
	CN	67,2
	NZ	169,0
	US	143,8
	ZA	156,2
	ZZ	125,2
0808 20 50	CL	73,3
	CN	69,6
	TR	133,1
	ZA	73,2
	ZZ	87,3

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2011 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 1 100 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 1 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 770 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 400 fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 300 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	Eur 50 fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT